Tribunal Industrijali

Decizjoni Numru 2582

Kaz Nru : 3346/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Buhagiar (ID No: 381084(M))

u

Korporazzjoni Enemalta u li b'digriet datat 30 ta' Marzu, 2015 ghandu jinqara bhala Engineering Resources Limited

*dwar : allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum 11 ta' Marzu, 2019**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz beda wara rikors sottomess mir-rikorrenti fit-23 ta' Marzu 2015 fejn allega li gie diskriminat minhabba l-fatt li hu kien l-uniku haddiem li gie mwaqqaf milli jahdem u ma jithallasx in-nofs paga in segwitu ta' procedura kriminali migjuba kontra tieghu waqt li haddiema ohra nghataw in-nofs il-paga.

**Provi**

Xehed l-Inginier Patrick Gauci fejn qal li dwar persuna ohra li kellha l-istess akkuzi u nghata n-nofs paga waqt li r-rikorrenti ma nghatax in-nofs paga qal li sar zball u qal ukoll illi l-istess Ftehim Kollettiv tas-sena 2014 ghadu japplika. Irrefera ghall-Ftehim Kollettiv fejn jaghmel differenza bejn reati fuq il-post tax-xoghol u reati mhux fuq il-post tax-xoghol.

Rega xehed l-Inginier Patrick Gauci fejn ta rendikont dettaljat ta' kull persuna li giet sospiza u l-kundizzjoni tal-paga tieghu meta kien sospiz. It-Tribunal mhuwiex ser isemmi kull individwu sabiex tigi protetta l-privatezza tal-individwu pero' t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xiehda tal-Inginier Gauci.

Xehed Mario Buhagiar fejn qal li kien sospiz mix-xoghol u sar jaf li persuna bl-istess akkuzi kienet qed tiehu nofs paga. Gie sospiz fis-sena 2014 u li jixtieq jiehu nofs paga bhal kif gie trattat xi haddiehor bl-istess kundizzjonijiet.

Rega xehed Mario Buhagiar in kontro-ezami fejn qal li ma hemm xejn fil-Ftehim Kollettiv li tobbligah li jinforma lill-Principal tieghu fuq l-akkuzi li garrab.

Xehed Roberto Cristiano fejn qal li kien ra l-Ftehim Kollettiv li jispecifika li fuq reati barra x-xoghol l-impjegat jigi sospiz minghajr paga. Qal ukoll illi ma jiftakar xejn aktar ghax ma baqax jahdem hemm.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jibda biex jghid illi l-Ftehim Kollettiv specifikament jghid li "If criminal proceedings ............. in this case the corporation would not effect payment of salary" Artiklu 6.2.

Dan ifisser illi l-Korporazzjoni mhiex obbligata li taghti nofs paga lill-impjegat jekk hemm proceduri kriminali minhabba cirkustanzi barra l-post tax-xoghol. Dan huwa l-principju pero' dan it-Tribunal irid jara jekk saritx diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti ghax qieghed jallega li persuna ohra nghatat nofs paga fuq reati kriminali li saru barra l-post tax-xoghol.

It-Tribunal mhuwiex ser jindika persuni b'isimhom sabiex jipprotegi l-privatezza taghhom pero' mill-provi jirrizulta illi kien hemm persuna li kienet akkuzata fuq l-istess tip ta' reat li baqa jinghata nofs paga waqt il-proceduri. Wara li kien identifikat lill-Korporazzjoni t-Tribunal gie nfurmat illi l-istess Korporazzjoni waqqfitlu tali nofs paga u gabitu in linja mal-Ftehim Kollettiv. Gie ndikat illi dan kien zball genwin mis-CEO precedenti. It-Tribunal jinnota wkoll illi apparti dan il-kaz wiehed ma kien hemmx kazijiet ohra.

It-Tribunal huwa lest li jaccetta li l-Korporazzjoni ghamlet zball genwin meta baqghet taghti l-paga bin-nofs lit-terza persuna li kien akkuzat bl-istess akkuzi u li kien zball genwin u kienu waqqfulu n-nofs paga wara li saru jafu b'dan l-izball. It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi illi ma kienx hemm diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti meta ma nghatax in-nofs paga.

Din ma kinitx il-prattika fejn il-Korporazzjoni kienet taghti trattament differenti lil diversi haddiema fuq dawn l-aspetti u t-Tribunal huwa konvint li dan it-trattament kien rizultat ta' zball genwin u mhux il-prattika.

**Decizjoni**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi billi l-intimat ipprova li ma kienx hemm diskriminazzjoni u b'hekk tintemm il-kawza u l-ispejjes jigu sopportati bejn il-partijiet indaqs bejniethom.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

VERA KOPJA

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Avv. Martin Fenech

Chairman